# Stqarrija għall-Media

492, Flat 3, St. Joseph High Rd., St. Venera, SVR1014, Malta.
**Tel**: (+356) 21484506 **Fax**: (+356) 21482656 **Email**: info@kdz.org.mt **Website**: www.kdz.org.mt

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Lill:** | Media Kollha | **Attn:** | L-Editur |
| **Minn:** | KDŻ Marketing Team | **Data:** | 12/06/07 |
| **Ref:** | KDŻ 06/07 | **Paġni:** | 1 |

Għażiż Editur,

Qed nibgħatlek dan it-tagħrif għall-informazzjoni tiegħek u għall-pubblikazzjoni. Nixtieq nirringrazzjak bil-quddiem tas-servizz u ta' kull pubbliċità li tista' tagħtina sabiex inkomplu ngħinu liż-żgħażagħ Maltin li magħhom qegħdin naħdmu.

## HARMONIC SHAKE – THE ART OF RESONANCE

Wara s-suċċess tal-kunċert is-sena l-oħra, fl-okkażjoni ta' Jum iż-Żgħażagħ, il-KDŻ din is-sena ser tipperżenta **Harmonic Shake – The Art of Resonance** - festival uniku ta' mużika Kristjana u żfin li jġib flimkien uħud mill-aktar bands promettenti fix-xena lokali. Din is-sena fuq il-palk ser naraw lill-Footprints, SDC, D-Xtremes, Y4J u Fr. Karm Debattista. Bħala mistednin speċjali għal din l-edizzjoni tal-festival ser ikun hemm Muzzle u SALT. Harmonic Shake ser ikompli jagħti spazju lil dawn il-bands sabiex il-mużika tagħhom, li ħierġa minn qalb kantanti u mużiċisti żgħażagħ tasal għand ħafna iżjed nies.

Jekk int ukoll tixtieq tesperjenza ftit minn din l-enerġija, inħeġġuk sabiex ma titlifx din l-okkażjoni u tkun preżenti għal Harmonic Shake li ser isir nhar is-Sibt 30 ta' Ġunju 2007, fit-Teatru Mwaqqa', il-Belt mid-9.00 'il quddiem. Il-biljetti jinxtraw għall-prezz ta' Lm3. Min jixtieq jirriserva post inħeġġuh jaħseb kmieni u jibgħat email fuq info@kdz.org.mt jew iċempel l-uffiċċini tal-KDŻ fuq 21 48 45 06.

TMIEM■■■■

flimkien għas-servizz taż-żgħażagħ